**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tlieta, 23 ta' Awwissu, 2022**

**Rikors Nru: 620/2022**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 825/2022 fl-ismijiet:**

***MARIA DOLORES SIVE DORIS MAGRO***

***VS.***

***LEONARD VELLA PERSONALMENT U BĦALA PROPRJETARJU FI ĦDAN DELUXE CONSTRUCTION CO LTD U MARITA RITA VELLA***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar it-talbiet mressqa minn Leonard Vella, kemm f'ismu personali u kif ukoll bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd, u minn Maria Rita Vella sabiex: (i) jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 825/2022 CFS għaliex Maria Dolores Magro naqset milli tiftaħ il-kawża fi żmien għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-mandat; (ii) sabiex huma jitħallsu penali għaliex jeżistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(8)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (iii) sabiex huma jitħallsu għad-danni li batew minħabba l-ħruġ tal-istess mandat, skont l-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fit-**<u>13 ta' Lulju, 2022</u>**, Leonard Vella *pro et noe* u Maria Rita Vella fissru li huma ġew milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 825/2022. Jgħidu li minkejja li ġie maħruġ dan il-mandat, Maria Dolores Magro naqset milli tiftaħ kawża fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tiegħu, hekk kif jitolbu l-**artikoli 849** u **843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Huma jisħqu li għalhekk il-mandat mitlub minn Maria Dolores Magro għandu jiġi mħassar. Iżidu jgħidu li b'konsegwenza tal-mandat li nħareġ kontra tagħhom huma ġarrbu danni li jikkonsistu fl-ispejjeż relatati maċ-ċedoli ta' depożitu bin-numri 1278/2022 u 1250/2022, u kull ċedola ta' depożitu oħra li setgħet issir mill-banek sekwestratarji;

3. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet Leonard Vella u Maria Rita Vella talbu lil din il-qorti sabiex:

> *«i. tirrevoka, tħassar u tikkanċella l-mandat ta' sekwestru bin-numru 825/2022 fl-intier tiegħu;*
>
> *ii. tikkundanna lill-intimata tħallas penali li tiġi fissata minn dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema penali għandha tkun bejn is-somma ta' elf mija erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u sitt elef disa' mija tmienja u tmenin Ewro u tnax-il ċentenżmu (€6,988.12);*
>
> *iii. tikkundanna lill-intimata tħallas id-danni lill-esponenti, jew lil min minnhom, a tenur tal-artikolu 836(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, previa li tillikwida l-istess danni, u dan previa kull provvediment ieħor li jkun jidhrilha xieraq u opportun.»*

4. B'digriet tagħha tad-**<u>19 ta' Lulju, 2022</u>**, il-qorti ordnat in-notifika lil Maria Dolores Magro, bi żmien sebat ijiem għan-nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Leonard Vella;

5. Minkejja li Maria Dolores Magro ġiet notifikata fil-5 ta' Awwissu, 2022, hija għażlet li ma ddaħħal l-ebda nota;

***Fatti***

6. Fis-**<u>17 ta' Ġunju, 2022</u>**, din il-qorti, kif impoġġija, laqgħet talba ta' Maria Dolores Magro biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Leonard Vella, kemm f'ismu personali u kif ukoll bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd, u kontra Maria Rita Vella, fl-ammont ta' €500,000;

7. Skont Maria Dolores Magro, hija talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru fuq dan l-ammont minħabba «*flus dovuti fuq kuntratt ta' self li ma ġiex onorat – Dok A*»;

8. Fl-**<u>24 ta' Ġunju, 2022</u>**, Leonard u Maria Rita Vella ressqu rikors fl-atti tal-mandat ta' sekwestru sabiex jiġi mħassar l-istess mandat safejn dan jolqot lil Leonard Vella, bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd, u lil Maria Rita Vella;

9. Wara li nħareġ il-mandat ġew depożitati erba' ċedoli ta' depożitu:

   i. fl-**<u>4 ta' Lulju, 2022</u>**, minn Bank of Valletta p.l.c. fl-ammont ta' €4,808.99;
   ii. fis-**<u>6 ta' Lulju, 2022</u>** minn APS Bank p.l.c. fl-ammont ta' €126,586.57;
   iii. fit-**<u>12 ta' Lulju, 2022</u>** minn HSBC Bank Malta p.l.c. fl-ammont ta' €494.49; u
   iv. wkoll fit-**<u>12 ta' Lulju, 2022</u>** minn BNF Bank p.l.c. fl-ammont ta' €5,063.39;

10. Maria Dolores Magro baqgħet ma fetħitx kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fiż-żmien għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-mandat, jiġifieri mis-17 ta' Ġunju, 2022, skont ma jgħid l-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk, fit-**<u>13 ta' Lulju, 2022</u>**, Leonard u Maria Rita Vella ressqu r-rikors li dwaru qiegħed jingħata dan id-digriet tal-lum;

11. Għal dan ir-rikors, Maria Dolores Magro ma weġbitx;

12. Imbagħad, b'digriet mogħti minn din il-qorti fil-11 ta' Awwissu, 2022, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inkwistjoni ġie mħassar safejn dan kien jolqot lil Maria Rita Vella u lil Leonard Vella bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd iżda nżamm fis-seħħ biss safejn dan jolqot lil Leonard Vella f'ismu personali;

***Konsiderazzjonijiet***

13. Il-qorti sejra tibda billi tqis l-**<u>ewwel talba</u>** ta' Leonard Vella u Maria Rita Vella biex jiġi mħassar il-mandat ta' sekwestru li nħareġ fil-konfront tagħhom. Kif ingħad aktar 'il fuq, b'digriet mogħti fil-11 ta' Awwissu, 2022, il-mandat ta' sekwestru ġie mħassar safejn dan kien jolqot lil Maria Rita Vella u lil Leonard Vella bħala sid tal-kumpannija Deluxe Construction Co Ltd. Għalhekk, dak li sejjer jiġi deċiż f'dan id-digriet huwa jekk il-mandat ta' sekwestru għandux jiġi mħassar ukoll fejn dan inħareġ kontra Leonard Vella f'ismu personali;

14. It-talba ta' Leonard u Maria Rita Vella biex jitħassar il-mandat ta' sekwestru hija marbuta mal-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

15. Skont dan l-artikolu tal-liġi, mandat jitlef l-effetti tiegħu jekk kemm-il darba ma ssirx kawża dwar il-jedd imsemmi fil-mandat, fi żmien għoxrin jum minn meta jkun inħareġ il-mandat. L-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħodd għall-mandat ta' sekwestru bit-tħaddim tal-**artikolu 849 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

16. Hekk kif imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'***Raymond Meli v. David Meli pro et noe*** deċiża fid-29 ta' Frar, 2008, «*Jekk min joħroġ Mandat jonqos li jressaq l-azzjoni meħtieġa fiż-żmien mogħti mil-liġi, il-mandat jaqa' hekk kif jgħaddi dak iż-żmien*»;

17. Iż-żmien ta' għoxrin jum imsemmi fl-**artikolu 843** mhuwiex wieħed perentorju għaliex skont l-**artikolu 844** dan iż-żmien jista' jittawwal bi qbil mal-parti li kontra

tagħha jkun ġie esegwit il-mandat. Dan il-qbil però biex ikun jiswa jrid jiġi muri permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru. Fil-każ tagħna, ma ġiet ippreżentata l-ebda nota biex jittawwal iż-żmien ta' għoxrin jum imsemmi fil-liġi. Għalhekk xogħol il-qorti f'dan il-każ huwa li tistħarreġ jekk Maria Dolores Magro fetħitx il-kawża fi żmien għoxrin jum minn meta kisbet il-mandat;

18. Mill-atti joħroġ li l-mandat inħareġ fis-17 ta' Ġunju, 2022. Jiġi b'hekk, li jekk wieħed jieħu din id-data bħala l-*punctum temporis* ta' meta beda jiġri t-terminu ta' għoxrin jum, allura suppost il-kawża kellha titressaq sas-7 ta' Lulju, 2022. Minn dakinhar li nħareġ il-mandat sal-lum Maria Dolores Magro baqgħet ma fetħitx kawża dwar il-jedd li hija tgħid li għandha kontra Leonard Vella;

19. Il-liġi trid li biex mandat jibqa' fis-seħħ, dan irid jiġi segwit b'kawża li trid titressaq fi żmien għoxrin jum. Maria Dolores Magro ma ressqitx il-kawża f'dan iż-żmien u għalhekk bir-rieda tal-liġi l-mandat katwelatorju 825/2022 ma jistax jitqies li għadu fis-seħħ;

20. L-**artikolu 843(2)** jista' iżda jsalva l-mandat jekk jintwera li l-kawża ma saritx fi żmien għoxrin jum minħabba raġuni tajba. Madankollu l-ġurisprudenza tgħallimna li l-liġi ma tagħtix diskrezzjoni wisq wiesgħa lill-qorti biex tistħarreġ x'setgħet kienet ir-raġuni li għaliha l-parti eżekutanti tkun naqset milli tiftaħ il-kawża fiż-żmien wara li tkun kisbet il-ħruġ favuriha ta' mandat kawtelatorju (ara ***Fahrenheit Freight Forwarders Co. Limited et v. Market Handle Limited et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Diċembru, 2011 u ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2001);

21. Sewwasew, fil-każ tagħna, Maria Dolores Magro ma ressqet l-ebda raġuni fejjieda għaliex hija naqset milli tressaq il-kawża tagħha fiż-żmien li tgħid il-liġi;

22. Għalhekk minħabba n-nuqqasijiet tagħha, din il-qorti ma tistax ħlief taqbel mal-ewwel talba ta' Leonard u Maria Rita Vella li l-effetti tal-mandat ta' sekwestru

kawtelatorju 825/2022 intemmu *ope legis*, u li għalhekk dan il-mandat m'għadux fis-seħħ;

23. Il-qorti sejra issa tissokta billi tqis **it-tieni talba** ta' Leonard u Maria Rita Vella biex Maria Dolores Magro tiġi kkundannata tħallas penali skont l-**artikolu 836(8)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

24. Fid-deċiżjoni ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2001, intqal hekk dwar din il-kawżali:

> *«Jidher illi taħt dan ir-rigward il-leġislatur kien riġidu u **fis-sub-inċiż 8(a) tal-artikolu 836** rabat l-impożizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas li jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu kontra d-debitur fiż-żmien statutorjament prefiss. Dana indipendentement mir-raġuni li minħabba fiha jkun avvera ruħu b'dan il-fatt. Indipendentement mill-mala fede jew buona fede tal-kreditur u mingħajr il-ħtieġa li jiġi provat li dan kien baqa' inadempjenti bil-ħsieb li jabbuża mill-proċess ġudizzjarju. Jidher allura li taħt dan is-subinċiż l-unika difiża li setgħet tkun bħala regola ammisibbli da parti tar-rikorrent kreditur kienet jekk jiġi stabbilit illi t-terminu statutorju kien ġie estiż espressament jew almenu taċitament bil-kunsens tad-debitur. Prova din li mill-atti bl-ebda mod ma tirriżulta»*;

25. Fl-istess deċiżjoni kompla jingħad li penali ta' din ix-xorta hi imposta bil-liġi bħala miżura ta' ordni pubbliku biex tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex tiżgura wkoll illi l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jiġix abbużat, kif faċilment jista' jiġi, bil-ħsieb li jdejjaq jew iweġġa' lill-allegat debitur;

26. Ta' min jgħid li għalkemm din id-deċiżjoni ta' ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** ingħatat aktar minn għaxar snin ilu, madankollu l-imsemmija deċiżjoni baqgħet tiġi mtennija anke fiż-żminijiet tal-lum. Ara pereżempju d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021, fl-ismijiet ***Antoine Portelli et v. Graham Testa***;

27. Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-prinċipji misluta mill-ġurisprudenza, il-qorti ssib li Maria Dolores Magro tabilħaqq ħaqqha teħel penali taħt l-**artikolu 836(8)(a)** għaliex hija

la wriet li t-terminu għall-preżentata tal-kawża ġie mtawwal bi qbil bejn il-partijiet, permezz ta' nota magħmula skont l-**artikolu 844** fuq imsemmi, u lanqas ma provdiet raġuni tajba għaliex ma fetħitx il-kawża fi żmien għoxrin jum wara l-ħruġ tal-mandat;

28. Fuq kollox, it-terminu għall-preżentata tal-kawża għandu dejjem jibqa' wieħed oġġettiv, kif stabbilit mil-liġi jew inkella bi qbil bejn l-eżekutat u l-eżekutant. Żgur però, dan it-terminu ma jistax jiddependi fuq ir-rieda waħdanija ta' min talab il-mandat għaliex inkella t-terminu jispiċċa wieħed arbitrarju u soġġettiv;

29. Il-qorti tqis li l-liġi tgħid fl-**artikolu 836(8),** li l-penali mogħtija għandha tinżamm bejn €1,164.69 u €6,988.12. F'dan il-każ Maria Dolores Magro ħaqqha teħel penali għaliex ma ressqitx il-kawża fi żmien għoxrin jum kif trid il-liġi. Kemm hu hekk, sal-ġuranta tal-lum din il-kawża baqgħet ma ressqithiex. Minħabba f'hekk, il-qorti tqis li penali fl-ammont ta' **€3,000** għandha titqies bħala waħda xierqa fiċ-ċirkostanzi;

30. Jibqa' biss li l-qorti tistħarreġ it-**<u>tielet talba</u>** ta' Leonard u Maria Rita Vella fejn dawn qegħdin jitolbu li Maria Dolores Magro għandha tiġi kkundannta tħallashom għad-danni li ġarrbu, skont ma jgħid l-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

31. Fir-rikors tagħhom, Leonard u Maria Rita Vella jilmentaw li huma sofrew danni minħabba l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kontrihom, liema danni jissarrfu fl-ispejjeż relatati maċ-ċedoli ta' depożitu li ġew ippreżentati fl-atti tal-mandat bħala konsegwenza tal-istess mandat. Għalhekk huma qegħdin jitolbu li Maria Dolores Magro tiġi ordnata tħallashom dawn l-ispejjeż bħala danni;

32. Fil-fehma tal-qorti talba bħal din ma tistax titressaq b'sempliċi rikors. Mod ieħor, talba ta' din ix-xejra jeħtieġ li ssir b'azzjoni ġdida bis-saħħa ta' rikors maħluf u mhux fil-qafas ta' rikors marbut mat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju. Kif tajjeb

ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2001,

> *«ir-rimedju mogħti lill-persuna esposta għall-effetti ta' mandat kawtelatorju li jkun sar skond il-liġi inutilment biex jiġi riżarċit id-danni, kellu jiġi espressament eżerċitat permezz ta' ċitazzjoni (illum rikors maħluf)»*;

33. Ir-raġuni ewlenija hija li, bħalma fissret il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha, ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2014,

> *«il-proċedura għat-tħassir tal-mandat hija waħda li timxi fuq il-kejl tal-prima facie u dan ifisser li mhijiex proċedura maħsuba li ttul biex isir stħarriġ ukoll tad-dannu mġarrab mill-parti eżekutata.»* (ara wkoll ***Joseph Demicoli v. Coleiro General Supplies Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Awwissu, 2018);

34. Illi għalhekk, il-qorti ssib li t-talba għall-ħlas ta' danni taħt l-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma tistax tintlaqa' għaliex din saret f'att ġudizzjarju ħażin skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda tiddeċiedi r-rikors tat-13 ta' Lulju, 2022 billi:

i. **Tilqa'** l-ewwel talba u b'hekk tħassar il-mandat ta' sekwestru bin-numru 825/2022 fl-intier tiegħu;

ii. **Tilqa'** t-tieni talba u b'hekk tikkundanna lil Maria Dolores Magro tħallas penali lir-rikorrenti fis-somma ta' tlitt elef ewro (€3,000);

iii. **Tastjeni** milli tqis it-tielet talba tar-rikorrenti biex dawn jitħallsu għad-danni li ġarrbu għaliex din it-talba kellha ssir b'kawża ordinarja b'rikors maħluf; u

iv. **<u>Tordna</u>** li l-ispejjeż kollha marbuta ma’ dan ir-rikors jitħallsu kollha kemm huma minn Maria Dolores Magro.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josepine Musu**
**Deputat Reġistratur**